**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 8 – IT-TLIETA, 17 TA' FRAR 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti numru 7**

.

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Rigward paragrafu 2.1 għandu jsir follow-up rigward il-kwotazzjoni tal-locality maps.

2.2 (2.2) Ġie innutat li sar it-tqassim tal-ittri.

2.3 (2.3) Rigward l-implimentazzjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Kuċċard, is-Sur Stefan Bonello Ghio nforma lill-Kumitat li hu rċieva telefonata mill-Viċi Sindku li allegat li dawn it-tabelli u s-sinjali li saru qed joħolqu periklu kbir. Hu għamel site visit u ċempel lis-Segretarju Eżekuttiv. Saret site visit mal-uffiċjali ta' TM, fejn ġie stabbillit li ma kienx hemm periklu bl-implimentazzjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku.

2.4 (3.2) Is-Sur Alfred Mangion informa lill-Kunsill li l-wire għadu mdendel. Għandha tintbagħat reminder lill-entitatjiet.

2.5 (4.4) Rigward l-arbli fil-ġnien tal-Kappara, għandha ssir site visit biex tiġi stabbilita liema arbli hemm bżonn jiġu rranġati.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairman*

3.1 Rigward il-One Way li ġiet implimentata fi Triq Antonio Schembri, ġie innutat feedback pożittiv, fejn qed ikun hemm flow of traffic ħafna aħjar. Ġie deċiż li ssir talba lil TM biex issir junction box fi Triq Birkirkara minn fejn toħroġ minn Triq l-Isponsun kif ġie ssuġġerit minn xi residenti.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward il-periklu li jkun hemm fi Triq Antonio Schembri meta jkunu qed joħorgu jew jidħlu t-tfal tal-iskola. Ġie innutat ukoll li skola ohra fi Triq tal-Balal ikun hemm pulizija jidderieġi t-traffiku. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija rigward din is-sitwazzjoni.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward is-sigar tal-Oleander li hemm imħawwla fil-bankina fi Triq Antonio Schembri. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jitneħħew dawn is-siġar biex il-bankina ssir aċċessibbli. Is-Sur Simon Ellul Sullivan issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Is-Sur Alfred Mangion reġa' tkellem fuq it-timed parking li jinsab fi Triq in-Naxxar u Triq il-Mensija. Hu qed jilmenta li mhux sew li huma r-residenti ta' dawn it-toroq biss li huma eżenti minn din ir-restrizzjoni imma għandha tkun Except for Residents of San Gwann. Hu talab biex din il-ħaġa terġa' tiġi kkunsidrata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

4.2 Is-Sur Alfred Mangion informa lill-Kumitat li dik il-ġurnata kien qed isir xogħol bil-vetturi fit-triq mingħajr il-preżenza tal-wardens. Għandu jsir rapport lill-pulizija jekk din terġa' ssir.

4.3 Kien hemm diskussjoni fuq il-proposta għal Jum il-Kappara. Kien issuġġerit li din tkun fl-1 ta' Ġunju (meta ġie maħtur l-ewwel kumitat). Għandha tiġi diskussa fl-laqgħa oħra x'attivitajiet jistgħu jsiru.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |